MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 223/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Delia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Delia talli:

(1) Nhar-il Hadd 13 ta' April 2008 gewwa l-Birgu u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer:

(a) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew

imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

(b) ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

(c) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b’qerq;

u cioe` diversi CDs u DVDs b’films u loghob;

(2) Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam, xi artikolu jew xi haga bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmi John Delia ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Lulju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni tieghu stess, sabet lill-imsemmi John Delia hati skond l-akkuza u, wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(c)(f), 298B u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn. Inoltre kkundannatu jhallas multa ta’ sitt elef disa’ mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (EUR

6,988.12) (ekwivalenti ghal tlett elef liri Maltin – Lm3,000) li ghandhom jithallsu b' rati mensili fi zmien sitt xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Delia pprezentat fis-16 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti taghha fejn gie misjub hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, thassarha ghar-rigward tal-piena inflitta u minflok tinfliggi dik il-piena li jidhrilha li tkun aktar xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat in-nota pprezentata mill-appellant fid-19 ta' Frar 2009 u s-sentenzi li ghalihom ghamel referenza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan hu appell mill-piena li l-appellant iqis bhala harxa wisq peress illi jemmen illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx kif jisthoqq diversi fatturi, senjatament: (1) il-kooperazzjoni tieghu bla rizerva mal-Pulizija, tant illi fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-prosekuzzjoni "ma kienet qed tippretendi xejn mill-imputat". Fil-fatt l-appellant ammetta mal-Pulizija u fisser minn fejn kien kiseb l-oggetti; (2) irregistra ammissjoni hekk kif deher quddiem l-ewwel Qorti; (3) il-fedina penali tieghu hi ghal kollox nadifa; (4) il-hsara li setghet lehqet saret bid-distribuzzjoni ta' l-oggetti li l-appellant kellu f'idejh kienet wahda minima u ghalhekk m'hemm l-ebda proporzjon bejn dan l-aspett tar-reat u l-piena nflitta; (5) in lineja ta' *"uniformity in sentencing"*, ma jirrizulta ebda proporzjon bejn il-piena nflitta fil-kaz in kwistjoni u dik inflitta f'kazijiet konsimili.

Jinghad l-ewwelnett illi s-sentenza appellata nghatat wara ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant fl-ewwel seduta li fiha deher quddiem l-ewwel Qorti, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li dik il-Qorti tatu zmien xieraq

biex jikkunsidra tali ammissjoni. Bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[1]:

**"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."**

Ghar-rigward il-piena, dik skond l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali hi ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena filwaqt illi dik skond l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali hi ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) jew dik il-multa u prigunerija flimkien. Dan ifisser illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi.

L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet illi l-piena giet akkordata "minkejja l-fatt illi l-imputat huwa 'a first offender' fid-dawl tal-kwantita` konsiderevoli ta' 'counterfeit' CDs u DVDs u 'playstation games' (aktar minn tliet mitt bicca) li gew misjuba fil-pussess ta' l-imputat."

Effettivament mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta illi huwa kellu u ghad ghandu fedina penali nadifa. Din il-Qorti tapprezza illi r-reati in kwistjoni huma reati serji

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta' Gunju 2004

izda fl-istess hin trid tinzamm proporjonalita` bejn il-hsara kawzata u l-piena nflitta. Barra minn hekk l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra dak li stqarr l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Ian Abdilla, fix-xiehda tieghu fis-sens li mhux biss l-appellant ikkoopera mal-Pulizija, izda *“apparti f’dak li kellu x’jaqsam ma’ l-investigazzjoni, tana wkoll certu informazzjoni sabiex ahna nkunu nistghu nkomplu nahdmu”*. Waqt it-trattazzjoni kien sahansitra aktar specifiku meta qal li l-appellant kien ta lill-Pulizija informazzjoni fuq min qed ibiegh oggetti ohra. Tant li kien l-istess ufficjal prosekutur li stqarr li *“ma nippretendi xejn … kbir [bhala piena]”*.

Dawn il-fatturi ma ttihdux in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti u ghaldaqstant hemm lok ta’ temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn u ghall-hlas ta’ multa ta’ sitt elef disa’ mija tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) pagabbli b’rati mensili fi zmien sitt xhur, u minflok tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija liema sentenza, a tenur ta’ l-artikolu 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u tikkundannah ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ tlett elef euro (€3,000) pagabbli b’rati mensili ta’ hames mitt euro (€500) il-wiehed, l-ewwel pagament mhux aktar tard mill-ahhar tax-xahar prezenti. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------